MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 1238/2012/1

**Mary Grech, Ivan Grech Mintoff u Dr. Ever Grech**

**v.**

**Maria Borg**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezentaw l-atturi fit-12 ta' Dicembru 2012 u li jaqra hekk:

> "Illi l-esponenti huma qraba tal-mejjet Dr. Joseph Grech li miet nhar it-13 ta' Awwissu 2012, kif jidher mic-certifikat hawn anness bhala dokument "MG1", u cioe` Mary Grech hija mart id-*decuius* (minnu legalment separata) filwaqt li Ivan u Ever, ahwa Grech, huma ulied il-mejjet Dr. Joseph Grech u l-esponenti l-ohra Mary Grech;
>
> "Illi matul iz-zwieg taghhom, l-esponenti Mary Grech u Dr. Joseph Grech kienu ghamlu testament *unica carta* fis-17 ta' Settembru 1969 fl-atti tan-Nutar Angelo Sammut (nota tal-insinwa numru 9915/1969) – ara kopja tat-testment hawn annessa bhala Dokument "MG2";
>
> "Illi l-imsemmija Mary Grech u Dr. Joseph Grech ottjenew separazzjoni legali bis-sahha ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Settembru 1981 (ara kopja hawn annessa bhala Dokument "MG3"), pero` huma ma rrinunzjaw qatt ghal wirt u s-successjoni ta' xulxin, la bl-imsemmija sentenza u lanqas

mod iehor, u ghaldaqstant l-esponenti Mary Grech ghandha interess fil-wirt u successjoni tal-imsemmi zewgha Dr. Joseph Grech;

"Illi bhala ulied id-*decuius* l-esponenti Ivan u Ever Grech ukoll ghandhom interess fil-wirt u successjoni tal-imsemmi Dr. Joseph Grech;

"Illi minn ricerki ta' testmenti sigrieti (ara dokument "MG4" hawn anness) u pubblici (ara dokument "MG5" hawn anness) relattivi jirrizulta illi l-imsemmi Dr. Joseph Grech halla testment iehor fl-atti tan-Nutar Marthese Felice tat-23 ta' April 2002, kopja hawn annessa bhala dokument "MG6", li permezz tieghu rrevoka t-testment precedenti tas-17 ta' Settembru 1969 u nnomina bhala unika werrieta tieghu lil ohtu l-intimata Maria armla ta' Joseph Borg, u dan wara li bl-istess testment halla wkoll lill-istess intimata prelegat ta' zewg fondi u cioe` l-fondi numru 108 u 131, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara;

"Illi skont l-istess testment tat-23 ta' April 2002 id-*decuius* halla biss liz-zewg uliedu (l-esponenti Ivan Grech u Ever Grech) legat ta' zewg dominji perpetwi ta' ammonti rrizorji, mezzanin numru 128B, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara u kwart indiviz jew kwalunkwe sehem iehor verjuri li jappartjeni lit-testatur minn fond numru 133, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara, u dan a saldu tal-legittima, filwaqt li ma halla xejn lill-esponenti Mary Grech;

"Illi jirrizulta illi l-kwart indiviz jew sehem iehor li d-*decuius* kellu mill-fond numru 133, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara ttrasferih lil ohtu Maria Borg flimkien ma' proprjetajiet ohra permezz ta' kuntratt tas-17 ta' Marzu 2006 fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena, liema kuntratt huwa wiehed minn diversi kuntratti li qeghdin jigu impunjati mir-rikorrenti permezz ta' kawza ohra u senjatament Rikors Guramentat Numru 1143/2009 LFS fl-ismijiet *Ivan Grech Mintoff noe vs Maria Borg* bhalissa pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

"Illi fid-data ta' meta sar it-testment tat-23 ta' April 2002 fuq imsemmi l-istess Dr. Joseph Grech kien diga` qieghed ibati minn demenzja kif ukoll minn senilita` u debilita` mentali, u kien ilu zmien twil hekk ibati, u dan kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Illi ghalhekk fit-23 ta’ April 2002 id-*decuius* kien inkapaci li jaghmel testment validu skont il-ligi, u ma kienx fil-pieni poteri mentali u ntelletwali tieghu u ghalhekk ma kellux il-kapacita` li jaghti l-kunsens tieghu biex jiddisponi minn hwejgu skont il-ligi, u dan kif ser jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza;

“Illi l-intimata Maria Borg flimkien ma’ u bl-assistenza ta’ binha, Herman Borg Xuereb, kienu (ad insaputa tal-esponenti), hadu f’idejhom il-gestjoni tal-flus u proprjeta` tal-istess Dr. Joseph Grech matul hajtu u minflok ma amministraw il-proprjeta` fl-interess ta’ Dr. Joseph Grech, huma abbuzaw ruhhom mill-pozizzjoni ta’ hbiberija u parantela mad-*decuius* u mill-pozizzjoni taghhom ta’ amministraturi *de facto*, ghaliex mhux formalment nominati, ikkarpew il-volonta` ta’ Dr. Joseph Grech ghall-beneficcju taghhom u implimentaw raggiri, kaptazzjonijiet u mezzi illeciti ohra fuq l-istess Dr. Joseph Grech;

“Illi t-testment in kwistjoni fil-fatt ma kienx l-unika mekkanizmu uzat mill-intimata u binha fil-manipulazzjoni ta’ Dr. Joseph Grech sabiex tisfrutta s-sitwazzjoni mentali, fragli u vulnerabbli ta’ Dr. Joseph Grech ghall-beneficcju materjali taghha, u dan ghaliex kien hemm ukoll zewg kuntratti, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tas-17 ta’ Marzu 2006 u tal-21 ta’ Lulju 2004, permezz ta’ liema l-intimata tidher li ‘xtrat’ proprjetajiet minghand Dr. Joseph Grech meta ma ghaddewx flus fuq l-istess kuntratti u lanqas qabel, liema kuntratti qeghdin jigu impunjati permezz ta’ kawza ohra u senjatament Rikors Guramentat Numru 1143/2009 LFS fl-ismijiet *Ivan Grech Mintoff noe vs Maria Borg* bhalissa pendenti quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili;

“Illi tant Dr. Joseph Grech ma kienx mentalment f’sikktu li gie interdett mill-Qorti Civili (Sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Volontarja) permezz ta’ digriet tal-11 ta’ Gunju 2009 u l-esponent, ibnu Ivan Grech Mintoff, gie appuntat bhala kuratur tieghu (ara anness Dokument “MG7”);

“Illi in vista tan-nuqqas ta’ kapacita` tat-testatur, it-testment ta’ Dr. Joseph Grech tat-23 ta’ April 2002 fl-atti tan-Nutar Mathese Felice huwa null u bla effett fil-ligi u inoltre kien frott ta’ raggiri, kaptazzjonijiet u mezzi illeciti ohra min-naha tal-intimata li t-testatur waqa’ ghalihom minhabba l-kundizzjoni debboli mentali tieghu u ghalhekk l-istess testment ghandu jigi mhassar u ddikjarat null u minghajr effett;

"Illi minhabba l-agir taghha l-intimata ddekadiet ukoll mill-kapacita` li tircievi b'testment minghand il-mejjet Dr. Joseph Grech u dan bil-mezzi msemmija fl-Artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili;

"Ghaldaqstant jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, salv kwalsijasi dikjarazzjoni ohra opportuna:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi *decuius* Dr. Joseph Grech ma kienx kapaci jaghmel it-testment tat-23 ta' April 2002 fl-atti tan-Nutar Marthese Felice hawn anness bhala Dokument "MG6", u dan minhabba mard mentali li ppriva lit-testatur mill-pjeni poteri mentali tieghu u li rrenda lit-testatur inkapaci fil-mument tal-istess testment kif fuq premess u/jew subordinatament minhabba li t-testatur kien ta' mohh u ta' volonta` tant debboli li kien strument f'idejn l-intimata;

"2. Konsegwentement tiddikjara li l-imsemmi testment null, invalidu u bla effett;

"3. F'kaz li t-talbiet suesposti ma jintlaqghux, tiddikjara lill-intimata indenja u inkapaci li tircievi bis-sahha tal-imsemmi testment billi wetqet l-atti msemmija fl-Artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili;

"Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimata ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti jigi eccepit illi r-rikors guramentat odjern huwa irritu u null stante illi l-premessi u t-talbiet kontenuti fih huma konfliggenti u kontraditorji u jhaltu flimkien zewg azzjonijiet totalment distinti u separati, fis-sens illi l-atturi qeghdin jezercitaw bl-istess azzjoni kemm l-azzjoni ghar-rexissjoni u/jew ghan-nullita` ta' testment [liema azzjoni tippresupponi testment guridikament ezistenti izda li jrid jigi annullat a bazi ta' allegazzjoni li fih nieqes xi element

essenzjali rikjest mil-ligi ghall-ezistenza tieghu] u kif ukoll qed jezercitaw l-azzjoni a bazi tal-Artikolu 605(1)(c) [liema azzjoni tippresupponi testment validu li fih l-element essenzjali rikjest mil-ligi ghall-ezistenza tieghu izda fejn qed jigi allegat li l-persuna li rceviet bl-istess testment ma hiex denja], liema azzjonijiet jeskludu lil xulxin;

“2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti jigi eccepit illi r-rikors guramentat odjern huwa <u>insostenibbli</u> stante illi l-premessi u t-talbiet kontenuti fih huma konfliggenti u kontradittorji u jhaltu flimkien zewg azzjonijiet totalment distinti u separati, fis-sens illi l-atturi qeghdin jezercitaw bl-istess azzjoni kemm l-azzjoni ghar-rexissjoni u/jew ghan-nullita` ta’ testment [liema azzjoni tippresupponi testment guridikament ezistenti izda li jrid jigi annullat a bazi ta’ allegazzjoni li fih nieqes xi element essenzjali rikjest mil-ligi ghall-ezistenza tieghu] u kif ukoll qed jezercitaw l-azzjoni a bazi tal-Artikolu 605(1)(c) [liema azzjoni tippresupponi testment validu li fih l-elementi essenzjali rikjesti mil-ligi ghall-ezistenza tieghu izda fejn qed jigi allegat li l-persuna li rceviet bl-istess testment ma hiex denja], liema azzjonijiet jeskludu lil xulxin;

“3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti jigi rilevat illi l-attrici Mary Grech m’ghandhiex interess guridiku li tintavola din il-kawza kif ser jigi ppruvat waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kawza;

“4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhux minnu li fid-data li sar it-testment ossia fit-23 ta’ April 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice d-decuius Dr. Joseh Grech *kien inkapaci li jaghmel testment minhabba mard mentali li ppriva lit-testatur mill-pjenti poteri mentali tieghu u li rrenda lit-testatur inkapaci fil-mument tal-istess testment u/jew subordinatament minhabba li t-testatur kien ta’ mohh u ta’ volonta` tant debboli li kien strument f’idejn l-intimata/esponenti.* L-esponenti tirrileva illi d-decuius Dr. Joseph Grech fil-fatt kellu l-fakoltajiet mentali kollha li trid il-ligi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“5. Illi ghalhek it-testment in kwistjoni huwa validu ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

“6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma hux minnu u kif ukoll hija inveritiera l-allegazzjoni attrici li l-intimata u/jew binha Herman Borg Xuereb kellhom l-amministrazzjoni tal-assi u/jew tal-proprjeta` ta’ Dr. Joseph Grech u li abbuzaw ruhhom mill-pozizzjoni ta’ hbiberija u parantela mad-decuius u mill-allegata pozizzjoni ta’ amministraturi u li kkarpew il-volonta` ta’ Dr. Joseph Grech ghal beneficcju taghhom u implimentaw raggiri, kaptazzjonijiet u mezzi illeciti ohra fuq l-istess Dr. Joseph Grech, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma hux minnu li l-esponenti wettqet xi atti inkluz dawk imsemmija fl-Artikolu 605(1)(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jrenduha indenja u inkapaci li tircievi bis-sahha tat-testment tad-decuius Dr. Joseph Grech;

“8. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma jinkorrux l-elementi rikjesti mil-ligi fl-Artikolu 605 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“9. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

“10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjez kontra l-atturi.”

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenuta;

Rat is-sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2013 li in forza taghha gew michuda l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenuta, bl-ispejjez a karigu tal-konvenuta;

Illi dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Permezz tal-ewwel tliet eccezzjonijiet il-konvenuta qeghda ssostni:

"1. In-nullita' tar-rikors guramentat ghaliex bl-istess azzjoni l-atturi qeghdin jezercitaw azzjoni ghan-nullita' tat-testment u azzjoni bbazata fuq l-Artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili.

"2. Il-premessi u t-talbiet huma konfliggenti u kontradittorji u jhalltu flimkien zewg azzjonijiet totalment distinti u separati in kwantu bl-ewwel talba qeghdin jitolbu n-nullita' tat-testment filwaqt li bit-tielet talba qeghdin jitolbu ghal dikjarazzjoni li l-konvenuta m'hijiex denja li tiret lill-huha.

"3. Mary Grech m'ghandix interess guridiku li tkun parti f'din il-kawza kif ser jigi ppruvat waqt il-provi.

"**<u>L-Ewwel Eccezzjoni u t-Tieni Eccezzjoni</u>**.

"Dawn iz-zewg eccezzjonijiet ser jigu trattati flimkien gialadarba jidher li fihom qieghed jinghad l-istess haga.

"Mir-rikors guramentat hu evidenti li l-attur qeghdin isostnu li-

"(a) Dr Joseph Grech kienx mentalment inkapaci jaghmel testment jew li minhabba li kien persuna dghajfa u debboli giet ezercitata fuqu pressjoni li wasslitu biex jaghmel it-testment tat-23 ta' April 2002 li bih halla lill-konvenuta bhala werrieta tieghu.

"(b) F'kaz li t-talbiet ma jintlaqghux, il-konvenuta ghandha tigi dikjarata li hi persuna indenja li tiret minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili. Dan il-provvediment jipprovdi li m'humiex denji li jircievu b'testment kull min, *"(c) ikun gieghel, jew bil-qerq gieghel lit-testatur biex jaghmel testment, jew biex jaghmel jew ibiddel xi disposizzjoni testamentarja."*.

"Jibda biex jinghad li:

*""ma hemm xejn kuntrarju li l-kaptazjoni u suggestjoni jigu prospettati bhala ipotesijiet subordinati fil-kaz ta' nuqqas ta' verifika tal-ipotesi izjed gravi tal-infermita' mentali; ghaliex, kif ighid ir-Ricci "alla facolta' di testare e' necessario che si accoppi una volonta' efficace'. Hekk infatti sar fis-sentenza Imbroll vs Mougliett Koll. Vol. XXIV.i.793,……. Ghalhekk il-kontradizzjoni bejn it-tliet motivi li jaqghu fl-ewwel kategorija fuq imsemmija hija biss apparenti u huw wkoll floku, skond l-imsemmija sentenza Imbroll vs Mougliett, li l-indeboliment mentali u fiziku jigi kkunsidrat, apparti mill-inkapacita', anki bhala element tal-attrazzjoni izjed facli tad-dolo."* (**John Pace nomine et vs Carmel Chircop** deciza mill-Prim'Awla[1] fl-4 ta' Gunju 1964).

"Ghalkemm hu evidenti li l-atturi qeghdin jikkontemplaw it-tielet talba b'mod sussidjarju, tant li t-talba tibda bil-kliem *"3. F'kaz li t-talbiet suesposti ma jintlaqghux……..",* jekk mill-provi jirrizulta li l-konvenuta hadet vantagg mill-kundizzjoni tat-testatur u agixxiet b'mod doluz u geghlitu jaghmel it-testment tat-23 ta' April 2002, il-konsegwenza kontemplata fl-Artikolu 605(1)(c) hi awtomatika[2]. Ifisser li jekk it-testatur ghamel xi testment precedenti fejn ghamel disposizzjoni favur il-konvenuta, ma tkunx tista' tiret taht it-testment l-iehor. Fil-kaz taghna jidher li t-tielet talba saret bla bzonn ghaliex jekk jigi ddikjarat null it-testment li Dr Grech ghamel fit-23 ta' April 2002, il-wirt tieghu ser ikun regolat mit-testment li ghamel fis-17 ta' Settembru 1969 fl-atti tan-nutar Dr Angelo Sammut[3] fejn il-konvenuta ma tissemmix.

[1] Imhallef M. Caruana Curran.
[2] Il-qorti qeghda minn issa taghmilha cara li dak kollu li jinghad fit-tielet paragrafu tan-nota prezentata mill-atturi fit-28 ta' Frar 2012 hu ghal kollox irrilevanti ghal finijiet tat-tielet talba bazata fuq l-Artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili. L-atturi per ezempju jallegaw li l-konvenuta rrifjutat li tghaddi medical history lill-konsulenti tat-testatur, li ppermettiet li d-decujus johrog mill-isptar kontra l-parir tat-tobba, hbiet lill-familjari il-problemi tas-sahha, ma haditx hsiebu u hallietu bil-guh u mhux nadif, u ghamlet numru ta' kuntratti ma' Dr Grech minghajr ma hallset xejn. L-Artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dan it-tip ta' agir li l-atturi qeghdin jallegaw.
[3] Ara ricerki testamentarji a fol. 19 u 20.

"Il-qorti ma tara xejn konfliggenti bejn it-tieni parti tal-ewwel talba u t-tielet talba.

**"<u>Tielet Eccezzjoni - Interess ta' Mary Grech</u>**.

"Jekk il-qorti kellha tilqa' l-ewwel zewg talbiet tal-atturi, ikun ifisser li l-wirt ta' Dr Joseph Grech hu regolat mit-testment *unica charta* li ghamel fis-17 ta' Settembru 1969 fl-atti tan-nutar Dr Angelo Sammut (fol. 7). B'dak it-testment hu halla lill-attrici Mary Grech, legat ta' uzu u uzufrutt *vita durante* tal-assi ereditarji tieghu. Testment li gie revokat bit-testment li qieghed jigi mpunjat permezz ta' dawn il-proceduri.

"Mis-sentenza tal-firda (**Mary Grech vs Dr Joseph Grech** 94/80) jirrizulta li l-konjugi kienu waslu fi ftehim u l-firda personali giet dikjarata permezz ta' sentenza tal-15 ta' Settembru 1981 a bazi ta' dak il-ftehim (fol. 14). M'hemmx prova li l-attrici rrinunzjat ghal jeddijiet taghha mill-wirt ta' zewgha.

"Ghalkemm il-konvenuta tissenjala dak li jinghad fil-Hames Artikolu tat-testment li sar fl-1969[4], ma hemmx prova li l-attrici Grech ghamlet xi testment. Min jallega jrid jaghti prova. Ghalhekk a bazi tal-provi li hemm fl-atti hu evidenti li Mary Grech ukoll ghandha interess f'dawn il-proceduri."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"… … takkolji dan l-appell billi tghaddi biex thassar, tannulla u tirrevoka d-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju 2013, fl-ismijiet hawn fuq premessi ossia "Mary Grech, Ivan Grech Mintoff u Dr. Ever Grech vs Maria Borg" u, filwaqt li tilqa' l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-imharka, hawn

[4] "*…… pero' jekk xi hadd mill-kontestaturi matul iz-zwieg taghhom jaghmel xi testment iehor wahdu il-fatt stess illi ikun ghamel dan it-testment iehor wahdu jimporta ipso facto id-decadenza mill-legat ta' uzu u uzufrutt lilhu mholli b'dana it-testment"* (fol. 11-12).

> appellanti, tghaddi biex tichad it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellati."

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu sabiex din il-Qorti:

> "… … tiddisponi mill-appell imressaq mill-intimata billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju 2013 *in toto* bl-ispejezz taz-zewg istanzi a karigu tal-intimata appellanta, u tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tkompli tisma' l-kawza fil-meritu."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jaghmlu kawza biex fl-ewwel lok, jigi dikjarat null testment imhejji mid-decujus Dr. Joseph Grech f'April tal-2002 u biex alternattivament, f'kaz li din it-talba ma tintlaqax, li jigi deciz li l-konvenuta hija inkapaci li tircievi bis-sahha ta' dan it-testment peress li wettqet atti abbuzivi fil-konfront tad-decujus fit-termini tal-Artikolu 605(1)(c) tal-Kodici Civili. Il-konvenuta eccepiet in linea preliminari n-nullita` tar-rikors guramentat peress

illi l-atturi ressqu kawza b'zewg azzjonijiet konfligenti. Qed tallega wkoll illi wahda mill-atturi, Mary Grech, m'ghandhiex interess guridiku tkun fil-kawza.

L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet relattivi tal-konvenuti wara li qieset li ma kien hemm xejn konfliggenti bejn it-tieni parti tal-ewwel talba u t-tielet talba u wara li kkonstatat li l-attrici Mary Grech, ghalkemm kienet separata formalment minn ma' zewgha, id-decujus Dr. Joseph Grech, ghad ghandha interess fil-wirt ta' zewgha, cahdet ukoll l-eccezzjoni relattiva.

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza, wara li ottjeniet id-debitu permess mill-ewwel Qorti ghal dan l-iskop. Hi tissottometti li l-azzjoni attrici hi monka peress illi hemm "diskordju u konfuzjoni" fir-ragunijiet mressqa bhala kawzali ghat-talbiet u li l-atturi, fil-verita` ressqu "tliet azzjonijiet" li huma inkompatibbli wahda ma' ohra. Tissottometti wkoll li l-attrici Mary Grech m'hi ser tnissel l-ebda beneficcju dirett mill-proceduri odjerni.

Trattat l-ewwel aggravju relatat mal-kompatibbilta` o meno tat-talbiet attrici, din il-Qorti tara li l-atturi resqu talbiet li huma fil-verita` kontradittorji ghalkemm alternattivi. L-atturi qed jallegaw li, fl-ewwel lok, it-testment huwa <u>null</u> peress illi d-decujus ma kellux, fil-mument li rrediga t-testment, il-pjeni poteri mentali tieghu, u, fit-tieni lok, li t-testment huwa <u>validu</u>, izda l-konvenuta ma tistax tiret peress illi b'qerq geghlet lit-testatur jaghmel it-testment kif ghamlu. Din it-tieni kawzali tikkontradixxi dak premess fl-ewwel parti tar-rikors guramentat, peress li hawnhekk qed jigi allegat illi t-testment huwa validu u t-testatur kien *sanis*

*mentis* izda gie ingannat mill-konvenut. Parti li qed tattakka testment ma tistax, f'nifs wiehed, tghid li t-testment hu null u li hu validu – u dan fl-istess kawza!

L-ewwel talba, ghalkemm bazata fuq zewg premessi, tista' ssegwi bhala talba peress li fiha l-atturi qed jitolbu l-istess haga, in-nullita` tat-testment, a bazi ta' gradi differenti tal-infermita mentali tad-decujus. Huma qed jallegaw illi t-testatur jew kien affett minn infermita mentali totali jew kien tant ta' volonta` debboli li kien "strument" f'idejn il-konvenuta. Persuna li hi biss "strument" f'idejn persuna ohra jonqos fiha l-volonta` necessarja biex taghti l-kunsens taghha ghal att impunjat. Bit-tielet talba pero` l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tinsa dan kollu u tghid li t-testatur kien mentalment kapaci, mohhu f'loku, izda gie ingannat. Hawn japplika l-principju *electa una via non datur recursus ad alteram*. Iz-zewg kawzali huma insanabbli ghax ma jistax ikun li t-testatur kien *sanis mentis* u mentalment inkapaci fl-istess hin.

Avvolja l-kawzali huma alternattivi, il-provi sejrin ikunu konfliggenti ghax l-atturi jridu juru l-inkapacita` u l-kapacita` mentali tat-testatur u huwa obbligu tal-atturi li jippruvaw dawn iz-zewg ipotesijiet. Daqs kemm kawza ghall-annullament ta' zwieg ma tistax tkun ibbazata fuq allegat difett ta' diskrezzjoni u allegat simulazzjoni ta' kunsens (ara **Briggs v. Gatt**, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Novembru 2011), hekk ukoll ma jistax jigi allegat mill-istess atturi li t-testment huwa u ma huwiex validu.

Fuq il-materja ta’ kawzali alternattivi, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **HSBC Bank Malta plc v. Caligari et**, deciza fit-13 ta’ Frar 2012 kienet ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

> “Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta’ April 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Av. Dr. Frendo Randon v. Salomone** fejn inghad:
>
> > “… … meta citazzjoni jkun fiha kawzali alternattivi u mhux cert liema wahda minnhom hija l-kawzali li sejra tifforma l-bazi tal-azzjoni odjerna, dan igib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista’ jammetti t-talba ghax il-konvenut ma jkunx jista’ jaghzel il-kawzali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li taghzel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri car li l-kawza kif giet intavolata hija insostenibbli billi *ab initio* la setghet tipprocedi u lanqas setghet tigi ammessa. … it-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma’ ohra, bhallikieku dawn iwasslu ghal rimedju wiehed, meta dan mhux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti ’l wahda mill-ohra…isegwi ghalhekk li mhux lecitu li tghaqqad jew tikkonfondi azzjoni ma’ ohra…. Meta l-pozizzjoni hija tali, jirrizulta kjarament li l-procedura tal-attur kienet wahda, irrita u nulla.”
>
> “Ukoll fis-sentenza deciza fl-24 ta’ Settembru 2010, mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Angelo Fenech et vs Pawlu Grech et** [Citazzjoni numru 2627/2000 JRM] inghad li kif ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana, talbet alternattivi m’humiex ammissibbli u jirrendu c-citazzjoni nulla.”

Anke hawn l-azzjoni kif proposta taghmilha impossibli ghal konvenuta tikkontesta jew tammetti l-kawza. Kif inghad, hawn mhux kaz fejn l-atturi qed jitolbu n-nullita` tat-testment ghal diversi ragunijiet (kif jidher kienu c-cirkostanzi tal-kaz **Pace v. Chircop** kkwotata mill-ewwel Qorti), izda fejn qed jigi allegat li t-testment hu null u validu fl-istess hin. L-atturi kellhom jifformulaw il-kawza b’mod li minnu jidher car dak li tassew iridu, u z-zewg azzjonijiet ma jistghux jigu ezercitati konfuzament u flimkien.

Milqugha dan l-ewwel aggravju tal-konvenuta appellanti, din il-Qorti ma tarax il-htiega li tezamina wkoll it-tieni aggravju, peress li l-azzjoni hija, f'kull kaz, nulla.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuta billi tilqa' l-istess u b'akkoljiment tal-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici (peress li tqis l-azzjoni wahda nulla) u tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez tal-kawza jithalsu kollha mill-atturi in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------